**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 10/10(11_11_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-6 ta' Novembru 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Jum il-Munxar 2010.
6. Attivitajiet Milied 2010.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport taċ-*Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 137/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Website Clean Up Malta Campaign'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 138/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratt Ġdid dwar il-Provvista tas-Servizzi tal-Gwardjani Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 139/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 21047 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom ftehim mal-GreenMT u mal-GreenPak.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 140/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 21042 rigward kienx hemm Kunsilli Lokali li f' dawn l-aħħar tliet snin mill-2006 sal-lum, approvawx ħlasijiet żejda għal xogħol żejjed (*extra work* eċċ.) barra dawk li kienu indikati fil-kuntratt jew li kienu jagħmlu parti mill-istess kuntratt, eċċ.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 141/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 21041 rigward il-proċedura stabbilita fit-termini tar-Regolamenti Finanzjarji, l-proċedura dwar l-għoti ta' *sponsorships* lill-entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Gvern, inkluż il-Kunsilli Lokali.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 142/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 21046 rigward dawk il-Kunsilli Lokali u Reġjonali li żammew konferenza stampa tul dawn l-aħħar sitt xhur.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 143/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 21070 rigward dawk il-Kunsilli Lokali fejn il-ġbir ta' l-iskart qed isir minn Kuntrattur b' emerġenza.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA/04070/10 – *Correction of site from that approved in PA4044/07* fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi, Il-Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta l-programm ta' rotot ippreparati għall-attivitajiet Istrina - Żjarat Kulturali li ser isiru bejn il-31 t' Ottubru 2010 u t-28 ta' Novembru 2010.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2010'.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Transport Malta fejn saret referenza għall-avviż tal-Gvern li ħareġ riċentament rigward l-allokazzjoni ta' fondi miżjuda għal xogħlijiet li ser isiru f' toroq urbani mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie informat li t-Transport Malta ser tkun hemm sabiex tgħin lill-Kunsill f' dak li jiġi bżonn f' dan ir-rigward.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Institute for Physical Education and Sport fl-Universita' ta' Malta rigward il-Konferenza (IPES 2010) dwar 'The Role of Physical Activity and Sport in Society' li ser jorganizzaw fit-12 u fit-13 ta' Novembru 2010.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Project Management tal-Proġett KOPIN rigward il-'KOPIN – Schools2Communities Newsletter (November Edition)'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni IDEAT rigward is-Seminar 'Mainstreaming Sustainable Development into EU Policies' fid-29 t' Ottubru 2010 f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Eko-Għawdex Żvilupp Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-pubblikazzjoni 'Eko-Għawdex: Pakkett ta' Riżorsi għall-Għalliema', imniedi mill-Ministru għal Għawdex.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward l-'MOC Sports Awards', f' Diċembru 2010.

2.17 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ sabiex il-Kunsill jattendi għall-Konferenza f' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fis-6 ta' Novembru 2010.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 69_2010 – Korsijiet qosra organizzati mill-Malta Employers Association.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Temi Zammit rigward il-European Project 'EUROMEDINCULTURE(s) Citizenship'.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 67_2010 – Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 20 ta' Novembru, 2010 fil-Lukanda Corinthia Palace, Attard.

2.21 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA/01413/10 – *To sanction variations in site profile shape, and internal staircase and material of external door and to propose new openings (windows) in side facade and the construction of a 3 course parapett wall at roof level* fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi, Il-Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.22 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-JS Productions rigward iċ-CIRCO MARTIN mill-Italja li ser ikun hawn f' Malta sabiex jagħmel *shows* bejn it-8 ta' Diċembru 2010 u t-2 ta' Jannar 2011.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward l-attivita' 'Niċċelebraw Flimkien' fil-Verdala Castle sabiex jiġi kkommemorat it-'20th Anniversary of Malta's Ratification of the UN Convention on the Rights of the Child' li ser tiġi organizzata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, fl-14 ta' Novembru 2010.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Les IT Support Team rigward il-'LES v2 Reports and Accounting Package'.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The Action! Team rigward proġett li għadhom kemm lestew li minnu jistgħu jgawdu l-Kunsill u l-lokalita' billi attivitajiet li jorganizza l-Kunsill jiġu jidhru fuq il-*website* li huma kkrejaw. Huma spjegaw kif b' hekk il-Kunsill igawdi minn diversi vantaġġi.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Workshop for Executive Secretaries', fit-3 ta' Novembru 2010.

2.27 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kunsill Lokali Kirkop u l-LitusGo Partners sabiex il-Kunsill jattendi għall-Konferenza dwar 'Climate Change and Coastal Management', fis-16 ta' Novembru 2010 f' The Palace Hotel, Sliema.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 68_2010 – Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 20 ta' Novembru, 2010 - Monitoring Visit Report.

2.29 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju tar-Reġjun t' Għawdex l-Aġenda ta' l-ewwel laqgħa tal-'Working Committee fuq l-Enerġija Alternattiva – Renewable Energy (Gozo Region)'.

2.30 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 70_2010 – Karta ta' l-identita' għall-Kunsillieri.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Information On Recycling Tuesday'.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'LES Transfers Lulju – Settembru 2010'.

2.33 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 74_2010 – Attivitajiet Sportivi.

2.34 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 76_2010 – Trading Licences Renewals.

Il-ħin kien 7.30 ta' filgħaxija u l-Viċi-Sindku s-Sur Saviour Spiteri talab sabiex jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand proprjetarju ta' residenza fi Triq San Pawl, il-Munxar. Huwa qed jilmenta li meta tagħmel ix-xita, b' ċerta kwantita' qed jidħol ħafna ilma għal ġol-*basement* u qed jirriżulta f' danni sostanzjali sew fl-istruttura tal-proprjeta' kif ukoll għal kull immobbli li għandu maħżun ġo dak il-*basement*. L-ilma li qed jidħol jiġi minn ilma tat-triq li qed jaqbeż ġewwa sprall li twaħħal flok il-bankina quddiem il-proprjeta' li tmiss miegħu.
Is-Sindku kellem lis-sidien u wrew ix-xewqa li jirranġaw sabiex din il-problema titranġa. Dawn il-proprjetarji kienu ser jiltaqgħu sabiex isir ix-xogħol neċessarju. F' każ li ma jintlaħaqx ftehim, il-Kunsill jirreferi l-każ lit-Transport Malta.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Kantra, x-Xlendi. Huwa qed jirringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol ta' tindif li sar f' din it-triq. Huwa faħħar ukoll il-*website* tal-Kunsill speċjalment dik il-parti fejn hemm ritratti antiki.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li minn issa 'il quddiem kull Kunsill Lokali li jkun qed jagħmel talba għal rimbors fuq xi skema, għandu minbarra d-dokumenti mitluba fl-ittra ta' aċċettazzjoni, jibda jibgħat il-kopja ta' l-i*Schedule of Payments* iffirmata u approvata mill-Kunsill li turi li dan il-proġett sar.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Transport Malta fejn qed tinforma lill-Kunsilli Għawdxin li qabel ma jingħata xi permess sabiex tingħalaq triq, trid tiġi informata t-Transport Malta għall-approvazzjoni.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kuntrattur li ssupplixxa l-apparat ta' *Outside Gym* għal Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Filwaqt li informa lill-Kunsill bil-ġurnata li fiha ġej jirranġa xi apparat, qed jissuġġerixxi li jsir *maintenance agreement* peress li l-*play area* qed tintuża ħafna.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA fejn informa lill-Kunsill li sabiex jiġi moniterjat ix-xogħlijiet kif approvat fil-permess PA1150/00 (Tindif tal-Wied tax-Xlendi) irid jiġi kkummisjonat ekoloġista kwalifikat u li jkun approvat mill-MEPA bil-quddiem.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Manuel Tabone, Direttur Turiżmu fil-Ministeru għal Għawdex. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żibel li qed jintefa' f' għalqa f' Tas-Sanap, il-Munxar. Is-Sindku kien diġa' kellem lit-tfal ta' Sid l-għalqa u kienu ser inaddfu.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun t' Għawdex fejn qed jinforma lill-Kunsill li ttieħdet deċiżjoni li kull Kunsill irid joħroġ *cheque* ta' €233 sabiex ir-Reġjun t' Għawdex jistieden Rappreżentant tas-CVC Communications sabiex jirrapporta l-iffirmar tal-Protokol ta' Adeżjoni tal-European Region for Youth Network. Kien hemm qbil dwar dan.

3.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Transport Malta rigward Għeluq ta' Toroq fil-lokalita' matul is-sena 2009 u jekk hemmx xi attivitajiet diġa' ppjanati għas-sena 2011.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 10/10(11_11_10).

**5.00 Jum il-Munxar 2010.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar Jum il-Munxar 2010. Is-Serata ta' Jum il-Munxar ser issir is-Sibt, 11 ta' Diċembru 2010. Ġie deċiż li din is-sena terġa' ssir sejħa pubblika sabiex isiru nominazzjonijiet għall-Ġieħ il-Munxar. Ġie deċiż ukoll li ssir Wirja ta' Ritratti Antiki fejn il-Kunsill ser joħroġ avviż sabiex kull min għandu xi ritratti antiki jġibhom il-Kunsill sabiex jiġu *scanned* u jingħataw lura. Fis-Serata ta' Jum il-Munxar ser jiġu ppreżentati *frames* b' *engraving* li jiswew sa €50 'il wieħed lill-Kan. Dun Karm Curmi u lill-Kan. Dun Frangisk Debrincat.

5.02 Din is-sena l-Kunsill ser juri rikonoxximent lill-persuni li qed jagħmlu xogħol volontarju fil-Parroċċa. Ser jingħata ċertifikat lil membru minn kull Għaqda. Fis-Serata ser jieħdu sehem il-kor tal-Parroċċa u l-Vjolinista Mario Ciantar.

**6.00 Attivitajiet Milied 2010.**

6.01 Ġie deċiż li bħas-sena l-oħra l-Kunsill iżejjen Triq il-Madonna tal-Karmnu, jitpoġġew l-istilel tal-Kunsill ma' arbli fil-Pjazza, jiżżejjnu l-fanali li hemm fil-bidu ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 u jiżżejjnu ż-żewġ siġar ta' quddiem il-Kunsill bil-bozoz. Ġie deċiż li għal din is-sena ssir siġra tal-Milied għolja 25 pied bid-dwal ħodor u bojod. Din għandha titpoġġa fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina u materjal jitħallas mill-Kunsill. Għax-Xlendi wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Amministrattiv ġie deċiż li jerġa' jsir bħas-sena l-oħra, jiġifieri, festun tad-dawl matul Triq San Xmun, tiżżejjen is-siġra tal-*Parking* bil-bozoz u jitwaħħlu girlandi mal-fanali ta' Triq San Xmun. Il-Kunsill kien ser joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

6.02 Ġie deċiż li minbarra s-Serata ta' Jum il-Munxar, issir Ħarġa għall-Anzjani fit-8 ta' Diċembru 2010 u Ħarġa għat-Tfal fit-28 ta' Diċembru 2010.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-*road hump* li kien hemm in-naħa t' isfel ta' Triq il-Munxar tqaxxret. Ħaddiema ta' JGC Ltd. ġew u rranġaw l-apparat tal-*Outside Gym*. Tnaddfu l-*culverts* u nqata' l-ħaxix mit-toroq. Ix-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Sant' Indrija kien beda.

**8.00 Rapport taċ-*Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

8.01 Iċ-*Chairman* is-Sur Godwin Azzopardi ma kellux x' jirrapporta peress li ma kienitx saret laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien tkellem mad-Direttur ta' Eco-Gozo, s-Sur Anthony Zammit dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi. L-Onor. Dr. Chris Said sejjaħ laqgħa għas-Sindki u *Chairpersons* ta' Kumitati Amministrattivi wara li reġa' ngħata l-ħatra ta' Segretarju Parlamentari. Huwa rringrazzja lil kull min tah appoġġ. Huwa ħabbar ukoll li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jieħu lura fondi ta' skemi li jkunu ngħataw u ma ntużawx.

9.02 Is-Sindku attenda l-laqgħa tar-Reġjun t' Għawdex u talab lill-membri tal-Kunsill sabiex jaqraw il-Minuti li qed jitqassmu lil kull membru tal-Kunsill. Is-Sindku ġie avviċinat mill-Perit Robert Cachia fejn informah li huwa lest li jikkontribwixxi fil-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku ltaqa' wkoll ma' l-Artist Christian Koller fejn wera x-xewqa li jagħmel monument fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 bil-parteċipazzjoni tar-residenti tal-Munxar. Iltaqa' wkoll mas-Sur David Apap, Rappreżentant tal-MTA f' Għawdex. Attenda għal-laqgħa tas-Sindki u fit-23 t' Ottubru 2010 sar l-iffirmar tal-ftehim ma' Din l-Art Ħelwa sabiex jitmexxa t-Torri tax-Xlendi.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*photocopier* ġrala l-ħsara u peress li din ilha ħafna żmien, m'hemmx *parts* għaliha. Huwa ssuġġerixxa li tinxtara oħra. Kien hemm qbil li ssir sejħa għall-kwotazzjonijiet għal xiri ta' *photocopier* ġdida.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sinjura Carmen Said ilmentat li l-ħin tas-7 ta' filgħaxija fi x' ħin tibda l-laqgħa huwa tard għaliha u qed titlob sabiex laqgħat isiru aktar kmieni. Is-Sindku kien ser ikellem lill-Viċi-Sindku s-Sur Saviour Spiteri dwar jekk huwiex possibbli li laqgħa ssir għall-ħabta tat-3 ta' filgħaxija.

Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kantuniera tat-triq ta' fejn ċediet it-triq ta' taħt l-ex-Andar Hotel ilha ħafna li ċediet u għadha ma tranġatx avvolja ġie d-Direttur, Proġetti u Żvilupp sabiex jara l-ħsara u l-periklu ta' din il-parti tat-triq.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li residenti ta' Triq il-Munxar qed jitolbu li *road hump* li hemm fin-naħa ta' fuq tat-triq tinqala'. Resident ta' Triq Ras il-Bajjada qed jitlob ukoll sabiex *road hump* titneħħa. Kien hemm qbil dwar dan.

12.02 Is-Sindku irċieva talba mingħand Sid id-dar Numru 63 ta' Triq il-Munxar sabiex jitqaxxar wiċċ it-triq ta' quddiemu minħabba li l-ilma tax-xita qed jaqleb għal fuqu.

Il-ħin kien it-8.35 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru 2010, fis-6 ta' filgħaxija sabiex jintagħżel il-Kuntrattur għall-armar tal-Milied, xiri ta' *photocopier* u programm għal Jum il-Munxar 2010.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru 2010 fis-6 ta' filgħaxija.

Preżenti kien hemm; is-Sur Joseph Sultana – Sindku, s-Sur Mario Camilleri – Kunsillier, is-Sur Patrick Grima – Kunsillier u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku, s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier u s-Sur Godwin Azzopardi – *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

12.03 Saret sejħa fil-Gazzetti għal dan it-tiżjin tal-Milied:

<u>Armar fix-Xlendi</u>

- Armar ta' festun minn Triq San Xmun sa Zafiro. (festuni LED's tal-Kunsill). Il-festun idur ma' kull fanal minn fejn ma jintlaħaqx min-nies u jgħaddi minn fanal għal fanal.
- Il-Kuntrattur irid jissupplixxi l-*wire* (vent) li jorbot miegħu u s-*supporters* bejn kull fanal.
- Jikkumnika l-festuni LED's flimkien.
- Jarma s-siġra tal-*Parking* b' festun bil-bozoz (festun tal-Kuntrattur).
- Jikkumnika kollox ma' xulxin sal-kamra tal-*Parking* minn fejn ser jieħu d-dawl.
- Jorbot ma' 55 fanal girlanda u ċoff (girlanda u materjal biex isir iċ-ċoff ipprovduti mill-Kunsill).

<u>Armar fil-Munxar</u>

- Il-Kuntrattur jarma l-Pjazza dawra kollha bl-antarjoli, festun tad-dawl minn wieħed għall-ieħor (festun u antarjoli u ventijiet tal-Kuntrattur). Iwaħħal 8 stillel (tal-Kunsill) ma' l-antarjoli u jikkumnikahom mal-festun fil-Pjazza.
- Jarma Triq il-Madonna tal-Karmnu b' materjal kollu tal-Kuntrattur (jgħaddi disinn lill-Kunsill).
- Jarma festun ma' żewġ siġar li hemm quddiem il-Kunsill (festun tal-Kuntrattur).
- Ma' antarjol fil-kantuniera tad-daħla tal-Munxar titwaħħal stilla (tal-Kunsill).
- Applikazzjoni, *meter* tad-dawl, konsum ta' l-elettriku u bozoz huma responsabilta' tal-Kuntrattur.
- L-armar irid ikun jixgħel fil-10 ta' Diċembru 2010 u jintefa fis-7 ta' Jannar 2011. Tista' tiġi applikata multa ta' €50 għal kull ġurnata jekk ma jinżammux dawn id-dati.
- Meta tiġri ħsara l-Kuntrattur għandu ġurnata żmien biex jirranġa l-ħsara. Jiġifieri, jekk id-dawl jintefa filgħaxija, l-għada filgħaxija jrid jixgħel. Tista' tiġi applikata multa ta' €30 għal kull ġurnata li jkun mitfi.
- Id-dawl jixgħel x' ħin il-Gvern jixgħel l-i*street lighting* u jintefa fil-11.00 ta' filgħaxija.
- Fl-24 u fil-31 ta' Diċembru 2010 id-dawl jibqa' jixgħel sal-5.00 ta' filgħodu.

Disinn u xogħol ta' Siġra tal-Milied

Il-Kunsill qed jitlob disinn u x' materjal hemm bżonn biex issir siġra tal-Milied fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Għoli 25 pied bir-*rope lights* bojod u ħodor. Il-Kunsill iħallas il-materjal kollu biex issir din is-siġra. Ix-xogħol isir mill-Kuntrattur. Din is-siġra tibqa' proprjeta' tal-Kunsill. Din is-siġra tixgħel mal-kumplament ta' l-armar. Post fejn ser titpoġġa jiġi diskuss mal-Kuntrattur.

Użu ta' *high up* u l-*mains* huma responsabilta' tal-Kuntrattur.

Il-Kunsill irċieva żewġ stimi:

(1) Chris Gauci – €4,600.00
(2) Munxar Parish Centre – €2,950.00

Kien hemm qbil li tintagħżel l-offerta tal-Munxar Parish Centre iżda s-siġra tal-Milied issir fil-Pjazza minflok fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

12.04 Wara li kienet saret sejħa fil-Gazzetti għal xiri ta' *photocopier* il-Kunsill irċieva dawn l-istimi:

(1) Alfa Co. Ltd. (Sharp) - €2,695.00
(2) Image Systems Ltd. (Xerox) - €2,775.00
(3) Strand Electronics Ltd. (Kyocera) - €3,747.00

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta ta' Alfa Co. Ltd. (Sharp).

12.05 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-programm ta' Jum il-Munxar 2010.
Il-Kunsill ser joħroġ avviż sabiex jinġabru ritratti antiki u l-Wirja tinfetaħ f' Jum il-Munxar u tibqa miftuħa sat-Tnejn, 13 ta' Diċembru 2010.
Il-Ħarġa għall-Anzjani ssir fit-8 ta' Diċembru 2010, issir quddiesa fil-Kappella tal-Patroċinju, Għasri, nżuru l-Mużew tal-Għodda antiki u ssir bibita u taħdita fil-Lukanda Calypso.
Il-Vjolinista Mario Ciantar jista' jiġi għas-Serata ta' Jum il-Munxar u qed jitlob is-somma ta' €200 kollox inkluż. Kien hemm qbil dwar dan.

12.06 Il-Kunsill ma rċieva l-ebda nominazzjoni għal Ġieħ il-Munxar 2010. Għaldaqstant kien hemm qbil li Ġieħ il-Munxar 2010 jingħata lis-Sur Alfred Grech.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2010, fit-3.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2010, fit-3.00 ta' filgħaxija.

Preżenti kien hemm; is-Sur Joseph Sultana – Sindku, s-Sur Mario Camilleri – Kunsillier, is-Sur Patrick Grima – Kunsillier u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku, s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier u s-Sur Godwin Azzopardi – *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

12.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex nieda skema ta' fondi bit-tema Eco-Gozo. Il-Kunsill jista' japplika għal proġett li 95% ser jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex sa massimu ta' €70,000. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika sabiex isir pavimentar ta' parti mill-Pjazza tal-Knisja, n-naħa taz-Zuntier tal-Knisja.

12.08 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa li saret bejn il-Kunsilli tal-Munxar, Ta' Sannat, tax-Xewkija u tax-Xagħra sar qbil dwar kif ser ikunu r-rati li jitħallsu mill-Kunsilli rigward il-ġbir ta' Skart Domestiku. Wara li l-Kuntrattur offra tnaqqis fir-rati li kienu ġew mitluba fis-Sejħa għall-Offerti l-Kunsill tal-Munxar ser iħallas hekk:

L-ewwel sena tibqa' l-istess bħas-snin l-imgħoddija jiġifieri €74, it-tieni sena €77.70, it-tielet sena €81.58 u r-raba sena €85.66.

Dawn ir-rati huma għal kull ġurnata u jsir ġbir ta' skart 4 darbiet f' ġimgħa u VAT inkluża.

Kien hemm qbil mill-Kunsill li dan il-ftehim jiġi ffirmat ma' Kunsilli oħra u l-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd.

12.09 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza ikla ta' żmien il-Milied. Skont Memo 122/2010 il-Kunsill jista' jorganizza ikla fejn ikunu mistiedna s-Sindku, l-Kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv, l-i*staff* u l-impjegati tal-Kunsill sa massimu ta' €50 kull persuna. Min ikun irid iġib miegħu l-*partner*, isir il-ħlas lis-Sid ta' l-istabbiliment. Is-Sindku ssuġġerixxa li mmorru niklu fil-Lukanda St. Patrick's u jiġi mistieden ukoll il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Huwa ser ikellem lill-*Manager* tal-Lukanda sabiex jipprepara l-*Menu* għal din l-ikla.

L-ikla ser issir nhar l-Erbgħa, 29 ta' Diċembru 2010, dritt wara l-laqgħa tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fl-4.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 29 ta' Diċembru 2010, fil-5.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |